MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 807/2003/1

**Tania Vassallo u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2007,**
**stante l-mewt ta' l-attrici Tania Vassallo**
**il-gudizzju gie trasfuz f'isem Thomas Vassallo**
**u Joseph Vassallo qua eredi taghha.**

**v.**

**Anna Rita *sive* Anita u Joseph konjuġi Camilleri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

F’din il-kawża l-attriċi qegħda tfittex għad-danni li ġarrbet meta ntlaqtet minn karrozza misjuqa mill-konvenuta.

Fiċ-ċitazzjoni l-attriċi tgħid illi fil-15 ta’ Frar 2002, meta hija kienet għaddejja bil-mixi fi Triq it-Tabib Zammit kantuniera ma’ Triq il-Papa Piju XII, ġiet imtajjra mill-vettura bin-numru AAN 528, misjuqa mill-konvenuta, u weġġgħet u ġarrbet debilità permanenti. Ġarrbet ukoll danni minħabba telf ta’ xogħol u spejjeż mediċi. Billi qegħda tgħid illi kienet il-konvenuta li taħti għall-inċident, u l-konvenuta ġià nstabet ħatja fi proċeduri kriminali miġjuba kontra tagħha, iżda għalxejn sejħitilha kemm-il darba biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-attriċi fetħet din il-kawża u qegħda titlob illi l-Qorti, wara li tgħid illi l-konvenuta waħedha taħti għall-inċident tal-15 ta’ Frar 2002, u tillikwida d-danni, tikkundanna lill-konvenuta tħallasha d-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittri interpellatorji ta’ l-1 ta’ Mejju 2002 u tal-25 ta’ Ġunju 2003.

Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni illi l-inċident ma seħħx bi ħtija tal-konvenuta iżda bi ħtija ta’ l-attriċi waħedha, u għalhekk huma ma għandhomx jagħmlu tajjeb għad-danni.

**Is-sentenza appellata**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat ruhha limitatament dwar ir-responsabbilita` fl-incident mertu tal-kawza b’sentenza preliminari moghtija fl-1 ta’ Marzu, 2005 meta rriteniet illi l-konvenuta ghandha tmenin fil-mija (80%) mill-htija ghall-incident u ordnat illi jitkompla s-smigh tal-kawza ghall-ghanijiet tat-talbiet l-ohra.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Din is-sentenza tallum hija biss dwar il-ħtija.

“Il-post fejn seħħ l-inċident huwa salib-it-toroq bejn Triq it-Tabib Zammit u Triq il-Papa Piju XII, f’Ħal Balzan, muri fuq l-iskizz tal-pulizija. Iż-żewġ toroq huma f’sens uniku: it-traffiku fi Triq il-Papa Piju XII igħaddi mix-xellug għall-

lemin quddiem dak għaddej minn Triq it-Tabib Zammit, waqt illi t-traffiku fi Triq it-Tabib Zammit igħaddi mil-lemin għax-xellug quddiem dak għaddej minn Triq il-Papa Piju XII. It-traffiku għaddej fi Triq il-Papa Piju XII għandu l-preċedenza, u fi Triq it-Tabib Zammit hemm stop sign fejn din tidħol fi Triq il-Papa Piju XII u ftit aktar ’l isfel hemm sleeping policeman. L-inkroċju bejn it-toroq huwa forma ta’ skorfina għax it-truf tal-linji tat-toroq ma jiltaqgħux f’angolu rett iżda huma maqtugħin, b’mod illi f’kull rokna hemm qisu triangolu miżjud mat-triq, u t-toroq fejn jiltaqgħu huma usa’ milli huma aktar ’l isfel u aktar ’il fuq.

“Il-partijiet irrakkontaw verżjonijiet x’aktarx differenti ta’ kif seħħ l-inċident.

“L-attriċi qalet illi hija kienet sejra taqsam Triq it-Tabib Zammit mill-usa’ parti tagħha fil-kantuniera fejn tingħaqad magħha Triq il-Papa Piju XII, fin-naħa fejn hemm l-istop sign. Biex taqsam kellha għalhekk l-ewwel taqsam dak li sejjaħnielu t-triangolu miżjud biex imbagħad tkompli taqsam il-wisa’ normali tat-triq. Hekk kif laħqet għamlet biss tliet passi ġiet fuqha l-vettura misjuqa mill-konvenuta, ġibdet lejha, laqtitha u tajritha. L-attriċi ntrefgħet fuq il-bonnet tal-karrozza tal-konvenuta u, meta l-karrozza waqfet ftit metri ’l fuq, tgerbet għal isfel u spiċċat ma’ l-art qrib il-bankina tan-naħa l-oħra ta’ Triq il-Papa Piju XII .

“Il-konvenuta tgħid illi kienet qegħda ssuq bil-mod ħafna għax kienet għadha kemm għaddiet fuq l-isleeping policeman fi Triq it-Tabib Zammit, u, meta waslet fuq l-istop sign, ħarset lejn ix-xellug, mnejn kien igħaddi t-traffiku, u ħarset ukoll lejn il-lemin. Billi t-triq ratha ħielsa daret lejn il-lemin biex tidħol fi Triq il-Papa Piju XII. Hekk kif daħlet fi Triq il-Papa Piju XII, l-attriċi ħarġet f’daqqa biex taqsam mil-lemin tal-konvenuta għax-xellug, u ntlaqtet bit-tarf tal-lemin tal-bumper. Billi kienet qegħda ssuq bil-mod il-konvenuta waqfet mill-ewwel u l-attriċi tgerbet fuq il-bonnet u spiċċat qrib il-bankina fuq ix-xellug tal-konvenuta. Magħfusa waqt il-kontro-eżami, il-konvenuta stqarret illi għandu mnejn illi ma waqfitx fuq l-istop sign u baqgħet għaddejja billi setgħet tara minn qabel illi t-triq kienet ħielsa mit-traffiku.

“L-attriċi għalhekk qegħda tgħid illi ntlaqtet meta kienet qegħda taqsam Triq it-Tabib Zammit waqt illi l-konvenuta qegħda tgħid illi laqtitha meta kienet qegħda taqsam Triq il-Papa Piju XII.

“Il-konvenuta tgħid illi l-verżjoni tagħha hija msaħħa bix-xhieda tas-Surġent tal-Pulizija u tax-xhud Maud Camilleri li kienet fuq il-post meta seħħ l-inċident.

“Meta xehed is-surġent qal illi, meta mar ikellem lill-attriċi l-isptar, din qaltlu illi ntlaqtet meta kienet qegħda taqsam Triq il-Papa Piju XII. Is-surġent ma rax l-inċident iseħħ, u xehed biss fuq dak li qalulu l-partijiet kif niżżlu hu fir-rapport. Ir-rapport fil-parti relevanti jgħid hekk:

“When spoken to, Vassallo [l-attriċi] gave her version that on that day she was walking in said street … … … It-triq li tissemma minnufih qabel din is-silta hija Triq it-Tabib Zammit, fejn fir-rapport jingħad illi “The divisional police were informed by the Police H.Q. control room that a pedestrian had been hit by a car in Dr J. Zammit Street, Balzan … … …”

“Jidher għalhekk illi “said street” hija Triq it-Tabib Zammit, u ma hemm ebda kontradizzjoni bejn dak illi l-attriċi xehdet fil-qorti u dak li qalet meta rrakkontat l-inċident l-ewwel darba lill-pulizija.

“Ix-xhud Maud Camilleri qalet illi hi kienet miexja wara l-attriċi fuq il-bankina fi Triq il-Papa Piju XII, bit-triq fuq ix-xellug tagħhom. Ix-xhud qabżet lill-attriċi li għalhekk ġiet warajha. Imbagħad l-attriċi qasmet, b’linja djagonali, għan-naħa l-oħra ta’ Triq il-Papa Piju XII u telgħet il-bankina ta’ dik in-naħa. Wara, l-attriċi reġgħet niżlet il-bankina u bdiet miexja mal-ġenb ta’ xi karrozzi li kienu parkeġġjati ma’ dik in-naħa, u kien f’dak il-waqt, meta kienet għadha fi Triq il-Papa Piju XII, illi ntlaqtet mill-konvenuta.

“Il-Qorti ma għandhiex dubji dwar is-sinċerità ta’ din ix-xhud; madankollu, ix-xhud tista’ tixhed biss fuq il-fatti kif

tafhom hi. Wara li qieset illi din ix-xhud kienet qabżet lill-attriċi, u kompliet iżżid it-tul li bih qabżitha meta hi baqgħet miexja dritt waqt illi l-attriċi ħadet linja itwal għax qasmet it-triq, il-qorti tifhem illi x-xhud kienet sew quddiem l-attriċi meta seħħ l-inċident u għalhekk ma setgħetx tara sew x'kienet qegħda tagħmel, warajha, l-attriċi. Għalhekk, fil-konflitt bejn il-verżjoni ta' din ix-xhud u dik ta' l-attriċi, il-qorti hija tal-fehma illi aktar għandha toqgħod fuq il-verżjoni ta' l-attriċi.

"Li x'aktarx ġara huwa illi l-konvenuta, qabel ma kisret lejn il-lemin minn Triq it-Tabib Zammit għal ġo Triq il-Papa Piju XII, ma waqfitx għax ħarset biss lejn ix-xellug tagħha, billi mil-lemin ma jgħaddix traffiku, u għalhekk ma ratx lill-attriċi li, f'dak il-waqt, kienet qegħda f'dak li sejjaħnielu t-triangolu miżjud mat-triq. Flok daret mal-linja tat-triq qatgħet il-linja — "she cut the corner", fl-idjoma anglo-sassonu — billi għaddiet fuq it-triangolu, u hekk laqtet lill-attriċi.

"Issa huwa minnu illi, kif sewwa qalu l-konvenuti waqt it-trattazzjoni bil-fomm, l-attriċi qabel ma taqsam it-triq kellha d-dmir li ma toħloqx emerġenza għat-traffiku li kien għaddej fit-triq, u kien imissha ħarset sew biex tara li t-triq kienet ħielsa qabel ma tibda taqsam, u illi, li kieku għamlet hekk, kienet tara lill-konvenuta ġejja u ma kinitx taqsam qabel ma l-konvenuta tkun għaddiet.

"Fil-każ tallum, iżda, l-attriċi kienet għadha f'dak li sejjaħnielu t-triangolu u ma kinitx għadha qasmet il-linja proprja tat-triq. Ma għandniex nassumu illi, qabel ma taqsam dik il-linja u hekk taqsam quddiem it-traffiku, ma kinitx sejra tieqaf biex tara setgħetx taqsam bla perikolu. Tassew illi kienet tkun aktar bil-għaqal li kieku mxiet tul ieħor fuq il-bankina biex taqsam il-parti dejqa tat-triq, mhux l-usa' parti, u naqset ukoll meta niżlet il-bankina, għalkemm ma bdietx taqsam it-triq, qabel ma rat kienx ġej traffiku. Madankollu, għalkemm dan in-nuqqas jitfa' xi ħtija kontributorja fuq l-attriċi, ma jitfax il-ħtija kollha fuqha.

"Il-konvenuta, min-naħa l-oħra, naqset għax: (i) qabel ma lwiet qieset biss it-traffiku li seta' kien hemm fit-triq u mhux

ukoll min kien għaddej bil-mixi, għax ħarset biss lejn ix-xellug, mnejn stenniet it-traffiku, u ma qagħditx wisq attenta għal dak li kien hemm fuq il-lemin, tant illi lill-attriċi ma rathiex taħt il-bankina; (ii) flok żammet mal-linja tat-triq qatgħet għad-dritt meta lwiet; u (iii) ma waqfitx fejn kellha tieqaf — “stop” ifisser “ieqaf għal kollox” u mhux “ieqaf biss jekk għaddej traffiku quddiemek” — u hekk ma tatx lilha nfisha ħin biżżejjed biex tesplora t-triq miż-żewġ naħat, meta t-triq taqdi mhux biss lit-traffiku iżda wkoll lin-nies li jimxu.

“Wara li qieset dawn il-fatturi kollha, il-qorti hija tal-fehma illi l-attriċi għandha għoxrin fil-mija (20%) tal-ħtija u l-konvenuta għandha tmenin fil-mija (80%).”

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fil-21 ta’ Marzu, 2005 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija, tilqa’ l-eccezzjonijiet taghhom u b’hekk tichad l-ewwel talba attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

L-appellata, ossia l-eredi taghha billi din mietet fil-mori tal-kawza, ma resqu ebda risposta biss fl-udjenza tat-13 ta’ Novembru, 2003 deher l-appellat Thomas Vassallo flimkien mad-difensur tieghu Dott. Graziella Bezzina u dak inhar saret it-trattazzjoni orali mid-difensuri tal-partijiet.

**L-aggravji tal-konvenuti.**

Kif jidher mir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti l-aggravju taghhom kontra s-sentenza appellata huwa effettivament wiehed billi qed jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet “*apprezzament manifestament inkorrett u zbilancjat tal-provi li ma kienx imnissel minn applikazzjoni tajba tar-regoli dwar ic-cirkolazzjoni tat-traffiku kif interpretat mill-Qrati taghna.***”**

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti hija tal-fehma li l-ilment tal-konvenuti appellanti mhux gustifikat u li konsegwentement ma thossx li ghandha tvarja l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti u l-konkluzjoni taghha dwar il-kwistjoni ta’ responsabbilita` ghall-akkadut.

L-incident mertu tal-kawza sehh gewwa inkrocju ta’ bejn zewg toroq f’Hal Balzan, u cioe` Triq it-Tabib Zammit, minn fejn kienet hierga l-vettura misjuqa mill-konvenuta u Triq Papa Piju XII fejn kienet miexja l-attrici. Iz-zewg toroq huma “*one way*” billi Triq Papa Piju XII tiehu traffiku biss lejn il-lemin ta’ l-iskizz li jinsab esebit a fol. 26 tal-process u f’liema direzzjoni kienet sejra l-konvenuta mentri Triq it-Tabib Zammit tiehu traffiku mill-parti t’isfel ta’ l-iskizz imsemmi u liema traffiku jista’ jew jibqa’ miexi fid-dritt ’il fuq ta’ l-iskizz jew jikser fuq il-lemin tieghu, kif ghamlet il-konvenuta, biex jidhol fi Triq Papa Piju XII.

F’tarf triq it-Tabib Zammit, fejn din taqsam Triq Papa Piju XII hemm linja kontinwa, minn bankina sa l-ohra, bil-kelma “STOP” miktuba fuq il-karreggata. Dan jindika li t-traffiku fuq Triq Papa Piju XII ghandu l-precedenza fuq it-traffiku hiereg minn Triq it-Tabib Zammit. Jindika wkoll li l-vetturi hergin minn Triq it-Tabib Zammit ghandom ta’ bilfors jieqfu qabel ma jisporgu ’l barra biex jipprocedu fid-dritt jew biex jigbdu lejn il-lemin ghal go Triq Papa Piju XII. Dan il-waqfien huwa mehtieg biex is-sewwieq jiehu konjizzjoni ta’ dak kollu li jkun qed jigri fi Triq Papa Piju XII u jipprocedi biss kemm-il darba jkun cert li, bil-hrug tieghu, ma jigi ostakolat jew ipperikolat xejn u hadd. Dan japplika sew ghat-traffiku li jkun miexi fi Triq Papa Piju XII kif ukoll ghall-*pedestrians* li jkunu qed juzaw dik it-triq li, minhabba l-iStop Sign f’tarf it-Triq Tabib Zammit ghandhom l-aspettativa li traffiku minn hemm ma johrogx qabel ma t-triq tkun libera.

Fil-kaz in ezami hemm divergenza bejn dak li xehdet l-attrici u dak li qalet il-konvenuta fir-rigward tal-post minn fejn qasmet l-attrici. Billi din ta’ l-ahhar tghid li hija qasmet, ossia kienet qed tittanta taqsam, mill-parti tal-lemin [kif jidher fl-iskizz] ta’ Triq it-Tabib Zammit u cioe`

minn fejn tidher l-ittra “P” tal-kelma “STOP” lejn id-direzzjoni jew il-bankina tan-naha tax-xellug u cioe` fejn hemm l-ittra “S” ta’ l-istess kelma. L-attrici tghid li kif qed taghmel hekk giet milquta mill-vettura tal-konvenuta, u wara li rikbet fuq il-bonnet, giet mitfugha fuq in-naha l-ohra tat-triq Papa Piju XII kif jidher fl’iskizz. Il-konvenuta, da parti taghha, tghid li hija waqfet fejn l-iSTOP li hemm ma’ l-art, osservat it-triq fiz-zewg direzzjonijiet, u billi ma rat xejn kissret lejn il-lemin u hekk kif dahlet gewwa Triq Papa Piju XII laqtet lill-attrici li harget insapettatament minn hdejn vetturi parkeggjati.

Din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-possibbilitajiet kollha tad-dinamika ta’ l-incident, hija tal-fehma li l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar fejn sehh l-incident u cioe` l-verzjoni ta’ l-attrici, hija aktar verosimili. Infatti hemm x’jindika li l-konvenuta qatt ma waqfet “dead stop” fl-inkrocju. Dan jidher mid-distanza li imxiet il-vettura taghha gewwa Triq Papa Piju XII. Dan il-fatt akkumpanjat mal-fatt, mhux kontestat, li l-attrici ntlaqtet bin-naha tal-lemin tal-vettura tal-konvenuta, u spiccat qrib il-bankina tan-naha l-ohra tat-triq Papa Piju XII, jindika li, kif sewwa qalet l-attrici, mad-daqqa hija rikbet fuq il-bonnet u spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq hekk kif il-konvenuta indunat x’kien gara u applikat il-brakes. Il-verzjoni tal-konvenuta ma jispjegax kif l-attrici spiccat fejn tidher fl-iskizz wara li giet milquta bil-gemb tal-lemin tal-vettura taghha.

Fatt iehor li jindika li l-manuvra tal-konvenuta ma kinitx kif qed tghid hi hija l-pozizzjoni ta’ vettura taghha meta dina waqfet. Infatti l-vettura taghha tidher angolata sew fit-triq li jindika li fl-inkrocju, kif isir spiss meta triq hija “one way”, il-konvenuta “cut the corner” u dan probbabbiliment wara li hi accertat ruhha li <u>min-naha tax-xellug</u>, minn fejn kien mistenni li jigi t-traffiku, ma kien gej xejn. Kieku l-konvenuta waqfet fl-inkorcju, kif kienet obbligata li taghmel, kienet tinduna bl-attrici, <u>kienet fejn kienet qabel l-impatt</u> u mhux, kif ammettiet hi stess, li qatt ma ndunat bl-attrici sal-mument ta’ l-impatt.

Ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha u senjatament l-obbligu tal-konvenuta li tieqaf fl-inkrocju, haga li din il-Qorti thoss li ma ghamlitx, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarja l-konkluzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ dan l-appell a karigu tal-konvenuti. Fl-istess waqt din il-Qorti tirrimetti l-atti tal-process lill-ewwel Qorti sabiex tikkunsidra u tiddeciedi dwar it-talbiet l-ohra relattivament ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------